**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI LL.D.**

**Appell Nru: 458/2015**

**Illum : Il-Gimgha, 29 ta' Lulju 2016**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Bernard C. Spiteri)**

**vs**

**Joseph Axiak**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Joseph Axiak, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 48753G akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

> Nhar it-23 ta' Marzu, 2015 għall-ħabta tal-4.00pm f'raba magħrufa bħala il-Maqjel, limiti ta' San Lawrenz, Għawdex
>
> 1. Ħa jew ipprova jieħu xi għasfur li huwa protett taht ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (A.L. 79 tal-2006) mhux skond dawn ir-regolamenti u mhux skond il-kondizzjonijiet ta' kull

liċenzja mogħtija taħthom bi ksur tar-regolament 4(1)(a) tal-A.L. 79 tal-2006 kif emendat.

2. Aktar talli ħa jew ipprova jieħu xi għasfur billi uża xibeki bi ksur ta' Regolament 7(1)(e) tal-A.L. 79/2006 hekk kif emendat;

3. Aktar talli ħa jew ipprova jieħu xi għasfur billi uża apparat elettriku jew elettroniku spejċalment l-użu ta' tisfir irrekordjat minn qabel ta' għasafar u dan bi ksur tar-Regolament 7 (1)(d) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.

4. Aktar talli żamm apparat li l-użu tiegħu huwa pprojbit taħt is-subregolament (1) tar-Regolament 7 tal-A.L. 79 tal-2006, u cioè xbieki u apparat elettriku jew elettroniku spejċalment tisfir irrekorjdat minn qabel ta' għasafar bi ksur ta' Regolament 7(2) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

5. Atar talli ħa jew ipprova jieħu xi għasfur meta ma kellux liċenzja adatta għal dik l-attivita' maħruġa lilu taħt ir-Regolament dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (A.L. 79 tal-2006) bi ksur ta' Regolament 12(1) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

6. Aktar talli huwa reċidiv b'sentenza mogħtija mill-Magistrat Dr. Neville Camilleri LL.D. fil-Qorti tal-Maġistrati, Għawdex nhar l-10 ta' April, 2013, liema sentenza hi definittiva u ma tistax tiġi mħassra.

Il-Qorti giet mitluba li barra li tagħti l-piena tordna l-konfiska tal-corpus delicti u s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahrug taht ir-Regolament tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaggi għal perjodu li l-Qorti jidrilha li hu xieraq.

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-13 ta' Ottubru, 2015, fejn il-Qorti wara li rat ir-regolamenti 4(1)(a), 7(1)(e), 7(1)(d), 7(2), 12(1) u s-subregolament (1) tar-Regolament 7(1)(d) tal-Avviz Legali 79 tal-2006, kif emendat tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 17(h), 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat Joseph Axiak hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4), tal-hames (5) u tas-sitt (6) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu jhallas multa komplessiva ta' tmient elef ewro (€8,000) u inoltre, ordnat ir-revoka permanenti ta' kull liċenzja jew

permess tal-insib, kaċċa, u tal-ġarr u żamma ta' armi f'isem il-ħati liema revoka tibda tgħodd mis-siegħa ta' waranofisnhar tad-data tas-sentenza.

**3.** Rat ir-rikors tal-appell ta' Joseph Axiak ipprezentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fl-20 ta' Ottubru, 2015 li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tilliberah minn kull ħtija u piena jew alternattivament tvarja l-istess fil-parti li tikkoncerna l-piena billi tirriduci l-ammont tal-multa u l-perjodu tas-sospensjoni tal-liċenzji u permessi tiegħu.

**4.** Rat l-atti u d-dokumenti kollha u semgħet lill-partijiet jittrattaw l-appell.

**5.** Il-fatti jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

Fit-23 ta' Marzu 2015 tlett membri tal-Committee Against Bird Slaughter (CABS) osservaw fl-inħawi ta' San Lawrenz f'Ħotba tal-Qasam sit tal-insib li kienet qed tiffunzjona u li fis-sit kien hemm persuna ġewwa dura. Ġew ukoll osservati fuq il-post xbieki u tisfir irrekordjat tal-għasafar. Sar rapport lill-pulizija li sa ma waslu, iżda, l-persuna li kien hemm fid-dura telqet minn fuq il-post. Il-membri tal-CABS ikkonsenjaw lill-pulizija ritratt u DVD li jikkontjeni video u xi stills. Wara l-investigazzjonijiet tagħhom il-pulizija waslet biex tressaq lill-imputat appellant akkużat kif ingħad.

**6.** L-aggravji tal-appellant Joseph Axiak huma sostanzjalment is-segwenti:

1. L-ewwel Qorti ma setgħet qatt legalment u raġonvevolment issib ħtija fl-appellant peress li l-akkużi kontrih ma ġewx suffiċjentement pruvati u dan għaliex qatt ma saret identifikazzjoni pożittiva u konkreta tal-appellant u mill-atti ma tirriżulta ebda prova li turi li l-azzjonijiet tal-persuna in kwistjoni jinkwadraw f'xi wieħed mir-reati addebitati lill-appellant;

2. Il-piena nflitta hija waħda manifestament gravuża u esaġerata u inkwantu tali inġusta ntiża biss biex toħloq sensazzjonaliżmu u mhux biex tibbilanċja l-interessi tal-ġustizzja apparti li s-sospensjoni kif ordnata mill-Qorti ma kienetx legalment possibbli.

**Ikkunsidrat:**

**7.** **<u>L-ewwel aggravju</u>** jirritjeni essenzjalment li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi mressqa quddiemha u huwa ben assodat fir-rigward ta' tali aggravju li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi magħmul mill-ewwel Qorti u l-konklużjoni minnha raġġunta jekk jirriżultalha li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, altrimenti tkun teżisti raġun valida jekk mhux ukoll impellenti li din il-Qorti tiddisturba dak l-apprezzament u konklużjoni.

**8.** In kwantu għall-ewwwel parti ta' dan l-aggravju li tikkonċerna l-identifikazzjoni tal-appellant jirriżulta mill-provi li l-unika persuna minn tlieta li ġiet prodotta bħala xhud okulari tal-fatti rapportati lill-pulizija hija Fiona Jane Burrows li hi wkoll il-persuna li pprovdiet lill-pulizija r-ritratti u l-video li ġew prodotti bħala provi mill-pulizija u li għalhekk rat b'għajnejha dak li ġie ffotografat u ffilmjat minnha. B' danakollu l-istess xhud fl-ebda stadju, la fir-rapport tagħha lill-pulizija u anqas fid-depożizzjoni tagħha quddiem l-ewwel Qorti, ma identifikat lill-persuna li rat fid-dura jew li kienet tidher fir-ritratti u filmat bħala l-imputat appellant.

**9.** PS 1040 John Grima xehed li lill-appellant kien jafu iżda għalkemm kien ra r-ritratti esibiti huwa ma kienx għaraf lill-persuna raffigurata fl-istess ritratti bħala l-appellant tant li ħass il-ħtieġa li jagħmel indaġni man-nies li joqgħodu f'San Lawrenz biex jara jekk jagħrfux lill-persuna li tidher fir-

ritratt. U kien biss għaliex dawn (li ma ġewx prodotti xhieda) indikawlu lill-appellant li bagħat għalih.

**10.** L-aktar xhud li resaq viċin xi tip ta' identifikazzjoni tal-appellant huwa l-Ispettur Bernard Charles Spiteri li xehed li l-appellant kien jixbaħ lill-persuna li tidher fir-ritratti u fil-filmat prodotti lill-pulizija[1] u li fl-opinjoni tagħhom kien hu[2].

**11.** Ebda xhud ieħor ma identifika lill-appellant bħala l-persuna li tidher fir-ritratti u filmati prodotti.

**12.** L-ewwel Qorti fis-sentenza appellata rrimarkat li "mill-filmat preżentat deher ċar li l-fattizzi tal-persuna fil-filmat, l-aktar l-imnieħer ma jħallix dubbju li l-imputat kien il-persuna fid-dura fil-ġurnata li ttieħed il-filmat". Bir-rispett kollu, meta ħadd mix-xhieda prodotti ma identifikaw kategorikament lill-appellant mir-ritratti u filmati prodotti, la l-persuna stess li ħadet l-istess ritratti u filmati u anqas persuna bhall-PS 1040 John Grima li kien ġia jaf lill-appellant, din il-Qorti ma hix tal-fehma li dak rilevat mill-ewwel Qorti kien raġonevolment suffiċjenti 'l hinn mid-dubju dettat mir-raġuni kif trid il-liġi sabiex iwassal għall-identifikazzjoni tal-appellant bħala l-persuna li kienet fid-dura fid-data relevanti.

**13.** Ċertament, anqas iċ-ċirkostanza li l-mansab in kwistjoni huwa reġistrat f'isem l-appelant, la waħedha u anqas bħala xi ċirkostanza korroboranti, ma hi suffiċjenti fid-dawl tal-provi prodotti sabiex twassal għall-identifikazzjoni tal-appellant bħala l-persuna li kienet fid-dura.

**14.** Fid-dawl tal-premess din il-Qorti qed tilqa' l-ewwel parti tal-ewwel aggravju tal-appellant u, peress li din il-konklużjoni hi biżżejjed sabiex fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ twassal lil din il-Qorti biex tħassar is-sentenza appellata, ssib li ma hemmx ħtieġa li jiġu indirizzati l-kumplament tal-aggravji tiegħu.

---

[1] Fol. 16, fol. 17
[2] Fol. 17

Għall-motivi premessi l-Qorti tilqa' l-appell ta' Joseph Axiak u tħassar is-sentenza appellata u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u piena.

(ft) Silvio Camilleri
Prim Imhallef

(ft) Silvana Grech
D/ Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur